**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 15 ta' Dicembru, 2015**

**Rikors Nru: 810/2015 AF**

**Lilian Marsh fil-kapacità taghha ta' madatarja specjali tal-assenti Emmanuel Aquilina detentur tal-passaport Malti 792337 ta' 720, Barkly Street, West Footscray, Victoria, Awstralja**

**vs**

**Bradley Gatt**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Bradley Gatt li permezz tieghu, ghar-ragunijiet fih imfissra, talab li jigi revokat mandat ta' sekwestru mahrug fil-konfront tieghu minn Lilian Marsh.

Rat it-twegiba ta' Lilian Marsh.

Rat id-dokumenti annessi mar-rikors.

Semghet lid-difensuri.

Rat li r-rikors thalla ghal digriet in camera.

Ikkunsidrat illi l-mandat de quo inhareg fuq talba ta' Lilian Marsh sabiex tikkawtela pretensjoni taghha dedotta f'kawza kontra Bradley Gatt rigwardanti l-obbligi tieghu bhala fiducjarju ta' Emanuel Aquilina.

Fi procedura ta' din ix-xorta il-Qorti tenfasizza zewg principji li ghandhom jigu segwiti u cioé: l-ewwelnett, din il-Qorti ma ghandhiex tiskarta leggerment il-jedd ta' kull kreditur li jikkawtela b'kull mod li taghtih il-ligi dak il-jedd minnu pretiz. Ghandu jigi enfasizzat inoltre li kull ezami li taghmel din il-Qorti dwar xi jedd f'dan l-istadju huwa strettament limitat ghal dak li jidher mad-daqqa t'ghajn, b'dana illi jibqa' essenzjalment rizervat ghall-kawza proprja l-iskrutinju fil-mertu.

Dan premess, il-Qorti kkunsidrat li r-rikorrenti odjern qieghed isejjes it-talba tieghu fuq dak li tipprovdi l-ligi fl-Art. 836 (1)(f) u l-Art. 836 (1)(c) u (1)(e) tal-Kap. 12 li testwalment jipprovdu ghar-revoka ta' mandat kawtelatorju fis-segwenti cirkostanzi:

> *"(ċ) li jkun hemm garanzija xierqa oħra sabiex tissodisfa l-pretensjoni ta' min ikun talab il-ħruġ tal-att kawtelatorju sew bil-ħruġ ta' att kawtelatorju ieħor, jew inkella jekk dik il-garanzija oħra tista' għas-sodisfazzjon tal-qorti tassigura biżżejjed il-pretensjoni; jew*
>
> *(e) jekk il-garanzija mogħtija titqies mill-qorti li tkun biżżejjed; jew*
>
> *(f) jekk jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli."*

Fil-kaz in ezami jirrizulta li l-ammont kawtelat bil-mandat de quo huwa ta' €346,850. Jirrizulta inoltre illi sabiex jigi kkawtelat il-kreditu pretiz minn Lilian Marsh gie inibit permezz ta' mandat iehor it-trasferiment ta' investimenti prezentement valutati fl-ammont ta' €404,091.

Fic-cirkostanzi, ghaldaqstant, il-Qorti tqis li t-talba ghat-tnehhija tal-mandat ta' sekwestru kif mitluba hija gustifikata.

Ir-rikorrenti qieghed jitlob ukoll l-imposizzjoni ta' penali a tenur tal-Art. 836(8)(c) u 8(d). Il-Qorti tirreferi fil-kuntest ghad-decizjoni ta' din il-Qorti diversament presjeduta moghtija fil-kawza Borg vs Pace (17 ta' Gunju 2010) fejn gie spjegat:

> *"Illi dwar il-kwestjoni tal-impozizzjoni tal-penali, irid jinghad li din hija sanzjoni fakoltativa. Il-Qorti, fid-deskrizzjoni taghha, tista' taqbel li tghabbi lil min ikun hareg Mandat kawtelatorju kontra persuna, u fuq talba ta' din, b'piena ta' hlas ta' penali. Minbarra li tali impozizzjoni hija fakultativa, irid jintwera ghas-sudisfazzjon tal-Qorti li trid tkun sehhet wahda mic-cirkostanzi mahsubin mill-ligi biex tali sanzjoni tigi mposta. Erbgha (4) huma c-cirkostanzi mahsuba mill-ligi f'dan ir-rigward u, ladarba huma sanzjoni punittiva, ghandhom jitqiesu strettament bhala tassattivi, izda bizzejjed li tirrizulta wahda minnhom biex il-Qorti tista' taccetta li tiqs it-talba ghall-kundanna tal-hlas tal-penali. Dwar din id-diskrezzjoni nghad li l-Qorti hija tenuta li timponi l-penali fejn ikunu jirrizultaw l-estremi li l-ligi tesigi biex din tkun imposta, u l-Qorti tista' biss taghzel li ma timponix il-penali mahsuba fl-artikolu 836(8) f'kazijiet estremi fejn is-sens ta' gustizzja hekk kien jimponilha. Il-penali mahsuba fl-imsemmi artikolu 836(8) tal-Kap. 12 hija wahda ta' ordni pubbliku immirata li tizgura serjetà fil-process gudizzjarju u biex ma thallix li l-istitut tal-Mandati kawtelatorji jintuza b'abbuz."*

Fid-dawl ta' dan l-insenjament, din il-Qorti ma ssibx li jissussitu c-cirkostanzi mitluba mill-ligi sabiex tkun gustifikata l-imposizzjoni ta' penali.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi thassar u tirrevoka il-mandat ta' sekwestru Nru. 1304/2015.

Kull parti ghandha tbati l-ispejjez taghha.

IMHALLEF